# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 16**

**Citazzjoni Numru 275/08 SM**

**Kontrollur tad-Dwana**

**v.**

**Carmelo Caruana Company Limited (C-9616)**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mis-socjeta` Carmelo Caruana Company Limited [is-socjeta` appellanti] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2012 li inghatat in segwitu ghall-procedura mehuda mill-Kontrollur tad-Dwana [l-appellat], a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili.

2. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddecidiet billi, filwaqt li akkoljiet ir-risposta tal-appellat, irrespingiet it-talbiet tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez, kif ukoll ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga l-atti kollha tal-kawzi in dizamina biex jasal ghall-konkluzjonijiet li jidhirlu xierqa fir-rigward.

3. Ghall-finijiet ta' kompletezza jinghad ukoll illi permezz ta' digriet datat 27 ta' Mejju 2008, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-appellat u ordnat il-konnessjoni tal-kawzi ai termini tal-Artikolu 793 tal-kodici fuq indikat, fir-rigward tal-kawzi bin-numru 276/06, 277/08, 278/08 biex dawn il-kawzi jinstemghu flimkien u jigu decizi fl-istess gurnata li fiha tigi deciza l-kawza odjerna.

Mertu

4. Jirrizulta illi l-appellat kien, ai termini tal-Artikolu 446 fuq citat, interpella lis-socjeta` appellanti u lis-socjetajiet Aragon Import & Export Limited u, Baltimore Consulting Limited indikati fir-rikorsi numri 276/08 277/08 u 278/08 permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 3 ta' Marzu 2008 u 4 ta' Marzu 2008, sabiex ihallsu rispettivament is-somma ta' €149,997.67 u s-somma ta' €240,596.31, rapprezentanti ammonti ta' dazju li l-importaturi, Aragon Co. Ltd [Aragon] u Alain Casal, kienu gew

ezentati milli jhallsu fuq importazzjoni ta' tewm mic-Cina. L-appellat interpella lis-socjetajiet fuq indikati wara li gie riferit lilu mill-awtoritajiet kompetenti esteri li l-licenzja AGRIM prezentata minn impjegat tas-socjeta` appellant sabiex tinghata riduzzjoni ta' dazju fuq dik il-merkanzija, kienet falza.

5. Il-kawza odjerna tirrigwardja l-ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 2008 li permezz taghha s-socjeta` appellanti kienet giet interpellata mill-appellat thallas l-imsemmi ammont ta' €149,997.67.

6. Is-socjeta` appellanti qeghdha, permezz tal-odjerni proceduri, tikkontesta t-talbiet kontenuti fl-imsemmija ittra ufficcjali lilha notifikata u dan ai termini tas-subinciz 2 tal-Artikolu fuq citat, in kwantu tikkontendi illi hija qatt ma mportat ebda konsenja ta' tewm gewwa Malta u qatt ma ghamlet dikjarazzjonijiet jew issottomettiet dokumenti f'isimha.

Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:
>
> "1. Illi l-Kontrollur intimat kien innotifika lis-socjeta` rikorrenti, (u lir-rikorrenti l-ohra ndikati fir-rikorsi numri 276, 277 u 278, ilkoll tal-2008), u nterpellhom biex ihallsu mitejn u erbghin elf hames mija u sitta u disghin

Ewro u wiehed u tletin centezmu, (€240,596.31) u mija u disgha u erbghin elf, disa' mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u sittin centezmu, (€149.997.67), skont il-kaz, bhala dazju ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 peress li rrizultalu li l-importazzjoni in dizamina kienet ibbazata fuq dokumentazzjoni falza;

"2. Illi stante li s-socjeta` rikorrenti kkontestat din l-allegazzjoni, kif ghamlu wkoll ir-rikorrenti l-ohra, allura giet introdotta l-procedura odjerna;

"3. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju l-partijiet qabblu li l-erba' (4) kawzi ntavolati fir-rigward, kellhom jimxu flimkien u l-provi migjuba f'din il-procedura kellhom japplikaw ukoll fl-ohrajn fuq indikati;

"4. Illi ghalhekk effettivament, din il-kawza hi wahda kwadrupla – procedura pjuttost kumplikata u facilment superata, kemm –il darba l-ittra ufficcjali promotrici in dizamina ma spezzettatx il-lanjanti;

"Ikkunsidrat:

"Illi in effetti l-kwistjoni kollha hi naxxenti mill-fatt li l-Kontrollur intimat f'xi mument fl-iter ta' din il-vertenza, skopra li kien qed jigi raggirat tramite licenzji fazulli mahrugin minn awtorita` estera responsabbli mic-certifikazzjoni ta' prodotti tal-frott, hxejjex u artikultura, liema raggir jidher li kien ukoll ikkonfermat mill-Agenzija Ewropea ta' Kontra l-Frodi, (OLAF);

"Illi minn investigazzjonijiet kondotti mill-awtoritajiet kompetenti rrizulta li zewg "*post entries*" rispettivament mahruga f'isem Alain Casal u Aragon Import & Export Company Limited ghal €149,997.67 u €240,596.31, gew it-tnejn notifikati lis-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited u Baltimore Consulting Company Limited;

"Illi konsegwenza tal-"*post entries*" fuq riferiti s-socjetajiet rikorrenti fuq indikati allura talbu l-bilanc dovut fuq id-dazju t'importazzjoni relattiv ghall-konsenji ta' tewm involuti;

"Illi peress li ghalhekk irrizulta lill-intimat Kontrollur li l-licenzji in dizamina kienu foloz, allura l-esenzjoni mid-dazju supplikata mir-rikorrenti fuq riferiti ma kinitx tapplika;

"Illi jirrizulta li s-socjetajiet esteri nvoluti f'dan ir-raggir huma Alain Casal u Aragon Import & Export Company Limited, izda l-informazzjoni erronea mghoddija lid-Dipartiment tad-Dwana li kien jintitola lir-rikorrenti ghall-beneficcji fiskali nvoluti jirrizulta li dejjem ghaddew elettronikament mill-impjegati tas-socjetajiet rikorrenti favur il-beneficjarja ta' dan ir-raggir - is-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited - fejn jirrizulta anke li din l-istess socjeta` tifforma parti minn grupp li jimmerita l-attenzjoni ta' nvestigazzjoni aktar approfondita;

"Illi riskontrat u verifikat dan ir-raggir, allura s-socjeta` rikorrenti hi tenuta li thallas l-ammont ta' dazju fl-interezza tieghu u bl-ebda mod ma tista' tibbenefika minn xi agevolazzjoni li tista' ttaffi l-impatt finanzjarju nvolut;

"Illi hu tassew superficjali li s-socjeta` rikorrenti tikkwota bl-aktar mod dispregjattiv qawl taljan biex iccekken u tumilja Dipartiment - li ghalkemm fl-istorja tieghu ghadda minn diversi pagni ta' misthija - pero` f'dan il-kaz, mhux biss jirrizulta li qed jespleta d-doveri tieghu b'serjeta`, izda qed jigi moniterjat f'dan ir-rigward minn agenzija tal-Unjoni Ewropea li l-funzjoni taghha hu proprju li tkun ta' balward Ewropew f'dan ir-rigward;

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li takkolji r-risposta tal-Kontrollur intimat, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited, bl-ispejjez;

"Illi finalment, stante li jirrizulta li l-fatti in dizamina jistghu jaghtu lok li l-meritu ezaminat jista' jindika li effettivament hawn si tratta ta' azzjonijet li huma ta' rilevanza kriminali stante li jista' jkun il-kaz, hu fil-fatt tentattiv ta' frodi, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga l-atti kollha tal-kawzi in dizamina biex jasal ghall-konkluzjonijiet li jidhirlu xierqa fir-rigward."

L-Appell

8. Fir-rikors tal-appell taghha pprezentat fil-15 ta' Ottubru 2012, is-socjeta` appellanti tilmenta principalment minn interpretazzjoni skorretta tal-fatti u tal-ligi da parti tal-ewwel Qorti. Titlob ghalhekk lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors promotur taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

9. Da parti tieghu l-appellat, ghar-ragunijiet esposti fir-risposta tal-appell tieghu ipprezentata fis-6 ta' Novembru 2012, jitlob lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

L-Aggravju

10. Is-socjeta` appellanti tibda l-aggravju taghha billi taghti l-verzjoni taghha tal-fatti.

11. Tghid li, wara li Malta saret membru shih tal-Unjoni Ewropea (UE), mid-dazju li jigbor id-Dipartiment tad-Dwana Malti, kellu jintbaghat 75% tal-*Customs Duty* li hija tigbor lill-UE u zzomm ir-rimanenti 25%. Dak iz-zmien il-Gvern kien baghat ghal numru ta' agenti tal-linji ta' vapuri, fosthom rapprezentanti tas-socjeta` appellanti, biex jinkoraggihom jadoperaw sistema biex prodotti dehlin fl-UE jigu zdoganati f'Malta (bhala l-ewwel port fl-UE) qabel ma jigu rijesportati ghall-pajjizi ohra fl-UE (sistema imsejha *Onward Supply Relief*) u b'hekk 25% tal-*Customs Duty* jibqa' fl-erarju ta' Malta. Minn-naha taghha, id-Dwana weghdet il-koperazzjoni u l-kollobarazzjoni taghha billi ezigiet li tircievi bil-quddiem dettalji dwar l-importatur u dettalji tal-merkanzija/prodotti gejjin Malta taht din is-sistema biex din tilhaq taghmel l-idagnijiet taghha dwar id-dokumenti prodotti mal-*Customs Entry*, u dana fl-isfond tal-informazzjoni u 'alerts' li hija tircievi kontinwament mill-*World Customs Unit* u mill-*OLAF* dwar merkanzija suspettuza u persuni li jkunu diga` xelfu difrejhom ma' xi dwana ta' xi pajjiz partikolari.

12. Tkompli tissottometti li certu Alain Casal kellu intenzjoni jimporta

fl-UE tewm mic-Cina u li din tigi sdoganata f'Malta qabel ma terga' tigi rijesportata f'pajjizi ohra tal-UE u l-istess Alain Casal kien avvicinaha sabiex jistaqsi x'kien hemm bzonn li jsir biex jaghmel dan. Victor Saliba, Kap tas-sezzjoni tal-*customs clearance* fi hdan il-kumpanija, wara li ottjena d-dokumentazzjoni kollha rikjesta minghand dan Alain Casal kien kellem u kiteb (Dok. VS2 u VS3[1]) lill-ufficjali tad-Dwana ta' Malta dwar din it-talba u ipprezentalhom id-dokumenti li kien inghata minghand dan Casal. Id-Dwana wiegbet (Dok. VS4[2]) billi infurmat lis-socjeta` appellanti bil-procedura li kellha tigi segwita biex isir l-isdoganament. Is-socjeta` Carmelo Caruana appellant ghenet lil dan Casal jimla l-formoli biex jirregistra mad-Dipartiment tal-VAT u ghenet lill-burdnar CAEJA [Abela] Bros.Ltd, imqabbad minnu, biex jimla elettronikament d-dokumentazzjoni relattiva tad-Dwana.

13. Tramite il-kumpannija tieghu Aragon, matul is-sena 2005 Casal importa f'aktar minn okkazjoni wahda tewm mic-Cina, u din giet sdoganata f'Malta u rijesportata f'pajjizi diversi tal-UE. Id-Dwana ta' Malta kienet irceviet *'alert'* mill-*OLAF* dwar certu Alain Casal u dwar il-kumpanija Aragon Import & Export Ltd fis-27 ta' Ottubru, 2004, izda skont ix-xhieda[3] li tat Carmen Aquilina, rapprezentanti tal-appellat, hija tghid li rat dan l-*alert* wara illi gara l-kaz mertu tal-kawza odjerna.

---

[1] Fol.45 et seq.
[2] Fol.55
[3] Seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju tal-25 ta' Frar, 2010,

14. Is-socjeta` appellanti tissottometti li l-*Customs Entries* in kwistjoni flimkien mad-dokumenti relattivi kienu gew sottomessi lid-Dwana mill-burdnar [CAEJA] zmien qabel ma waslet il-merkanzija, u d-Dwana approvat l-importazzjoni, iddikjarat x'dazju kien dovut, thallas dan id-dazju u l-prodott importat gie sdoganat u sussegwentement rijesportat.

15. Zmien wara l-importazzjoni u r-rijesportazzjoni tal-istess tewm, id-Dwana allegat illi l-licenzja AGRIM, li kienet fost id-dokumenti sottomessi mill-burdnar mal-*Customs Entry*, kien dokument falsifikat. Ma ngiebet ebda prova dokumentali - wisq anqas l-ahjar prova - mill-appellat biex jipprova jew imqar jikkorrobora din l-allegazzjoni maghmula minnu, hlief ghax-xhieda verbali ta' Carmen Aquilina li fid-depozizzjoni taghha qalet li kienet irceviet *"risposta (mill-Oniflhor) fil-bidu ta' Jannar 2006 li dak ic-certifikat huwa falz".* A bazi ta' din l-allegazzjoni, l-appellat qed jesigi minghand l-importatur u minghand is-socjeta` appellanti, il-kumplament tad-dazju li ma kienx gie imhallas bis-sahha tal-ezenzjoni kif fuq spjegat.

16. Is-socjeta` appellanti tkompli tesponi hekk l-aggravji taghha:

> "8. Il-Ligi applikabbli fl-2005 cioe fiz-zmien li gie importat it-tewm kien il-Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Council Regulation (EEC) No 2913/92 (dan ir-Regulation gie abrogat fl-2008 u rimpjazzat bil-Modernized Customs Code (Council Regulation 450 tal-2008)). Illi skond il-Ligi Maltija applikabbli fiz-zmien in kwistioni. l-unici zewg persuni illi setghu jipprezentaw Customs Entry kienu l-importatur u l-Burdnar (Kap. 37). Fl-Art. 2 tal-Kap. 203, "Detentur ta' permess mid-Dwana" tfisser persuna awtorizzata kif imiss taht dan l-Att biex taghmilha ta' burdnar"; ebda persuna ohra ma setghet tkun 'detentur ta' permess mid-Dwana' hlief burdnar. Is-socjeta` Carmelo Caruana Co. Ltd ma kienetx burdnar

jew detentur ta' permess mid-Dwana.

"9. Jidher pacifiku bejn il-partijiet illi l-importatur/consignee ta' dan it-tewm in kwistjoni kien Aragon Co. Ltd u Alain Casal u li d-declarant kien il-burdnar CAEJA (Abela) Bros Ltd. Fil-fatt, f'kull applikazzjoni ghall-izdoganar tat-tewm in kwistjoni kien mnizzel illi l-importatur huwa Alain Casal jew il-kumpannija tieghu Aragon Import & Export Ltd u d-declarant kien il-burdnar CAEJA Abela Bros Ltd. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2009 (quddiem il-Qorti) Carmen Aquilina xehdet illi f'kull Customs Entry Declaration, l-importatur/consignee huwa Alain Casal jew l-kumpannija tieghu Aragon, u d-declarant huwa dak li ghandu in-numru tal-VAT 1028 4136. F'din is-seduta, Aquilina xehdet illi ma kienetx taf dan in-numru tal-VAT lill min jghajjat izda wara ricerka li ghamlet [sussegwentement] (ara xhieda f'seduta sussegwenti tal-4/11/2009 quddiem l-Ass. Gudizzjarju) xehdet "Jiena kelli nghamel stharrig dwar certi VAT numbers imsemmija fix- xhieda precedenti tieghi. Dwar in-numru tal-VAT 1028 4136 nghid illi dana jappartjeni lill- kumpannija CAEJA (Abela) Brothers Limited Nghid illi fid-dikjarazzjonijiet kollha, is-socjeta` CAEJA (Abela) Brothers Limited kienet tidher fid-dikjarazzjonijiet kollha, Ikoll bhala declarant, filwaqt illi kien hemm consignees dak li gja semmejt Aragon Import/Export u dak li ssemmili issa Alain Casal. …. ... Nghid illi mkien ma jidher illi hemm VAT number ta' Baltimore Consulting Ltd jew ta' Carmelo Caruana Limited.". Aktar il-quddiem fl-istess xhieda moghtija quddiem l-Ass. Gudizzjarju fis-seduta tal-4/11/2009, Aquilina zzid: "Nghid illi Consignee huwa l-persuna li tieghu huwa x-xoghol illi qed jigi impurtat. Dwar Declarant, nghid illi dana huwa l-persuna illi qed tghamel id-dikjarazzjoni mad-Dwana. Nghid ukoll illi f'dana l- kaz kien CAEJA (Abela) Bros, ghan-nom tal-consignee, bhala VAT number."

"B'dana kollu, pero' meta giet mistoqsija kif dahlu fl-istorja Baltimore Consulting Ltd u Carmelo Caruana Ltd, wiegbet hekk:

> "Dwar kif dahlu fl-istorja Carmelo Caruana Ltd u Baltimore, nghid illi l-kumpanija Aragon hija registrata fl-indirizz tal-kumpannija Baltimore u Carmelo Caruana, filwaqt illi l-VAT numbers taghhom ma deherx, huma izda kienu responsabbli li jghamlu d- dikjarazzjoni."

"Ix-xhud ghalqet ix-xhieda taghha billi xehdet: "Jista jkun illi [Victor] Saliba kien qed jiffirma ghall-Aragon Import/Export Limited".

"10. Kif intqal aktar il-fuq, il-Customs Entry Form u l-process ghaz-zdoganar ta' merkanzija setgha jsir minn zewg persuni BISS: l-importatur (consignee) tal-merkanzija jew 'detentur ta' permess mid-Dwana' i.e. il-Burdnar. Customs Entry Form pprezentata minn persuna li mhix l- importatur jew l-Burdnar hija ghalhekk nulla u anqas tista tigi kkunsidrata mid-Dwana. Is- socjeta` Carmelo Caruana Ltd mhix Burdnar u ghalhekk ma kienetx u ma setghetx tkun 'detentur ta' permess mid-Dwana'; l'anqas kienet l-importatur tal-merkanzija.

“11. Wara li ddahlet is-sistema elettronika, il-Burdnar jew l-Importatur (Consignee) kellu zewg alternattivi: (a) jew imur personalment fl-ufficini tad-Dwana b’hard-copy tal-Entry Form; fdan il-kaz, il-kontenut tal-formola jigi [imdahhal] mill-inputters tad-Dwana stess fis-sistema elettronika; jew (b) jimla l-formola apposita (Customs Entry Form) elettronikament minn computer u hekk il-kontenut tal-Entry Form tidhol mill-ewwel fis-sistema elettronika tad-Dwana.

“12. Gie stabbilit mill-provi kollha - kemm tar-rikorrent u kemm tal-intimat - illi is-socjeta` Carmelo Caruana Ltd la kienet l-importatur u l-anqas kienet id-’declarant’. Mill-provi irrizulta illi d- declarant cioe l-Burdnar CAEJA (Abela) Bros Ltd. kien uza l-computer tas-socjeta` Carmelo Caruana Ltd biex mela l-Customs Entry Forms. Huwa kien dahal fis-sistema elettronika tad- Dwana bin-numru tal-VAT tieghu cioe 1028 4136 (u b’hekk jigi identifikat mid-Dwana bhala ‘detentur ta’ permess mid-Dwana’) - ara xhieda ta’ Carmen Aquilina fis-seduta tal-4/11/2009 meta xehdet min kien d-declarant tal-Customs Entry Forms: "Nghid ukoll illi f’dana l-kaz kien CAEJA (Abela) Bros, ghan-nom tal-consignee, bhala VAT number."

“13. Certament li persuna fizika jew persuna legali ma tistghax tinzamm responsabbli ghall-hlas ta’ dazju ghax l-Customs Entry Forms jintbaghtu mill-computer taghha - kif qed jsostni l-intimat Appellat tad-Dwana; id-Declarant jibqa id-Declarant indipendentement mill-computer li juza……….Fil-kazi in ezami, kien l-Burdnar illi ssottometta l-Customs Entry Forms. Id-dokumenti li kienu jakkumpanjaw dawn l-Customs Entry Forms gew moghtija lill-Burdnar mill-Importatur. Jekk dawn id-dokumenti kienu foloz, kif allegat, kien biss l-intimat Kontrollur tad-Dwana li setgha jivverifika mal-korrispettiv tieghu f’pajjiz iehor fl-Unjoni Ewropea meta jkun qed jipprocessa tali Entry Forms. L-Appellat diga kellu t-twegiba ‘fil-kexxun’ sa minn Ottubru 2004, izda Carmen Aquilina xehdet (seduta 25/2/2010) illi "Nghid izda illi dan l-alert jiena rajtu wara illi gara l-kaz mertu tal-kawza odjerna".

“14. ……………………… L-uniku beneficjarju tal-beneficcji fiskali nvoluti kien l-importatur; la l-Burdnar u wisq anqas is-socjeta` esponenti ma bbenefikat jew setghet tibbenefika minn xi beneficcju fiskali. Is-socjeta` appellanti ma kellha thallas ebda dazju dovut, shih jew ridott; kien biss l-importatur li allegatament iffalsifika dokumenti, li [bihom] setgha jibbenefika minn riduzzjoni tad-dazju u kien biss il-Kontrollur tad-Dwana li seta’ jivverifika u jikkonstata li xi dokument/i pprezentat/i mill-Burdnar (bhala d-Declarant) kien falsifikat. Dokumenti li inghataw lid-Dipartiment tad-Dwana QABEL ma waslet l- merkanzija u li kellha fil-pussess taghha alert mill-OLAF sa minn Ottubru, 2004 (15 il-xahar qabel l-ewwel importazzjoni) dwar l-importatur Alain Casal u l-kumpanija tieghu Aragon Import & Export Company Limited.

“15. Ghalhekk, is-socjeta` esponenti tissottometti illi mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, rrizulta illi l-informazzjoni erronea giet pprezentata lid-Dipartiment tad-Dwana mill-Burdnar, bhala Declarant,

ghan-nom tal-importatur u mhux mis-socjeta` appellanti. Minn ebda prova ma rrizulta illi s-socjeta` appellanti hadet jew setghet hadet xi beneficcju fiskali mir-riduzzjoni tal-ammont ta' dazju.

"16. Fis-sentenza taghha (fol. 6 tas-sentenza), l-Ewwel Qorti kkunsidrat illi *'riskontrat u verifikat dan ir-raggir, allura s-socjeta` appellanti hi tenuta thallas l-ammont ta' dazju fl-interezza tieghu u bl-ebda mod ma tista tibbenefika minn xi agevolazzjoni li tista ttaffi l-impatt fianazjarju dovut'.* Legalment, il-fatt ammess illi l-Burdnar, bhala d-Declarant, mela l-formola elettronika ghall-isdoganar tal-merkanzija in kwistjoni minn computer fl-ufficini tas-socjeta` appellanti ma jistghax iwassal ghall-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi ir-responsabbilta' ta' evazjoni ta' dazju timxi mill-importatur jew id-Declarant ghal fuq kumpanija li ppermettiet li jintuza computer taghha. Kien liema kien il-computer li uza d-declarant (i.e. l-Burdnar), jibqa d-declarant li mela l-formola elettronika tad-Dipartiment tad-Dwana; ebda ligi ma tezisti li tikkonverti l-assistenza li setghet inghatat lill-Burdnar minn impjegati tas-socjeta` appellanti f'responsabbilta' ghall-hlas tad-dazju.

"17. Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti ma elucidatx taht liema ligi is-socjeta` appellanti kienet responsabbli ghall-hlas tad-dazju mitlub mill-Appellat tad-Dwana. Fil-fehma tal-esponenti, l- unici ligijiet li li jistghu jirregolaw din il-kwistjoni huma l-Kap. 203 u l-legislazzjoni sussidjarja relattiva applikabbli fid-dati meta saret l-importazzjoni, u il-Kap. 16 (Art. 1029 et seq, Fuq id- Delitti u Kwazi Delitti). Kif gia sottomess supra, is-socjeta` appellanti ma setghet qatt titqies responsabbli la ghall-process ta' sdoganar tal-merkanzija u wisq anqas ghall-hlas tad-dazju relattiv. L-assistenza lill-Burdnar mis-socjeta` appellanti biex l-applikazzjoni/formola tal- importazzjoni tintbaghat mill-computer tas-socjeta` appellanti certament ma taqax fid- definizzjoni ta' 'htija' definita fl-Art. 1032."

17. L-intimat jilqa' ghall-aggravju tas-socjeta` appellanti bil-mod segwenti.

18. Huwa jissottometti li qabel il-wasla tal-merkanzija f'Malta, Victor Saliba kien wera lill-ufficjali tad-Dwana fotokopji u mhux l-originali tad-dokumentazzjoni mehtiega, u *prima facie* l-istess dokumentazzjoni ma kinetx taghti hjiel ta' xi irregolarita. Id-Dipartiment jista' jibda jivverifika d-dokumentazzjoni biss wara li tasal il-merkanzija u d-Dwana jkollha

f'idejha d-dokumentazzjoni originali, u dan bil-ghan li jigi facilitat u spedit il-kummerc specjalment peress li l-importazzjonijiet in kwistjoni jikkoncernaw tewm li ghandu *shelf life* qasira. Id-Dwana tivverifika biss id-dokumentazzjoni ta' importazzjonijiet li jkunu *prima facie* suspettuzi jew li fejn ikun hemm restrizzjonijiet specifici skont il-prodott importat. B'konsegwenza ta' dan, l-indagini jdumu diversi xhur u huwa ghalhekk li l-ligi doganali tipprovdi li jsiru *post clearance audits* kif stipulat fl-Artikolu 11 tal-Kap. 337. Jissottometti li mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' Carmen Aquilina[4] u ta' Marion Scerri[5] it-tnejn impjegati mal-Kontrollur appellat, irrizulta li kien hemm konnessjoni ta' xoghol bejn Alain Casal u Aragon Import/Export Company Limited, minn naha wahda u Victor Saliba ghan-nom tal-kumpannija appellanti minn naha l-ohra.

19. Il-konnessjoni bejn is-socjeta` appellanti u Casal tirrizulta mill-kontenut tad-dokument VS6 li huwa 'Application for Registratiron as Importer/Exporter' fejn l-'Mail Address' ta' Casal f'Malta huwa dak tal-ufficcju ta' registrazzjoni tal-kumpanija Baltimore Consulting Company Limited fl-indirizz 26/2, Pietro Floriani Street, Floriana. Barra minn hekk, l-ittra datata 10 ta' Lulju 2005 indirizzata lil Victor Saliba u iffirmata[6] minn Alain Casal u il-fax[7] datat 19 ta' Lulju 2005 iffirmat minn Alain Casal u indirizzat lil "Mr.Victor Saliba - Carmelo Caruana" juru l-konnessjoni li

[4] Dep.28 Mejju 2009
[5] Dep.12 Marzu 2010
[6] Fol.46
[7] Fol.61

kienet tezisti dak iz-zmien li sehh il-kaz odjern bejn min-naha wahda Alain Casal u Aragon Import/Export Company Limited u Baltimore Consulting Company Limited u min-naha l-ohra Victor Saliba li kien qed jidher u jagixxi ghan-nom tas-socjeta` appellanti. Fir-rigward, l-intimat ikompli jissenjala li l-konnessjoni taz-zewg socjetajiet u Casal tirrizulta provata wkoll minn sensiela ta' emails esebiti a fols. 83 sa 85 tal-process.

20. Jissottometti li Mark Sciberras,[8] li kien il-Finance Manager ta' Baltimore Consulting Limited, xehed li l-imsemmija kumpanija kienet involuta fl-importazzjoni ta' prodotti agrikoli u li kienet strumentali sabiex titwaqqaf il-kumpannija estera Aragon Import/Export Company Limited. Huwa minnu wkoll li Victor Saliba, impjegat tal-kumpannija appellanti, kien talab informazzjoni dwar ir-rekwiziti u l-procedura adottata fil-kaz ta' importatazzjoni u esportazzjoni tat-tewm, pero`, fir-rigward tal-importazzjonijiet li kienu jikkoncernaw lil Alain Casal, Victor Saliba specifika li Alain Casal kellu fil-pussess tieghu *"valid AGRIM licence"* mahruga fi Franza.[9]

21. L-appellat ikompli jfisser hekk ir-risposta tieghu:

> "Inoltre, ghandu jinghad li kif jirrizulta mill-atti processwali, mhux minnu li l-Customs Entries fil-kaz odjern gewipprezentati mill-burdnar CAEJA Abela Bros Ltd izda gew ipprezentati minn rapprezentanti tal-kumpannija appellanti. Dan peress li, a kuntrarju ta' dak li qed tallega

---

[8] Fol.19 - 22
[9] Email mibghuta minn Victor Saliba lir-rapprezentant tal-Kontrollur td-Dwara – fol.54

l-kumpannija appellanti, li gewipprezentati xi Customs Entries zmien qabel ma waslet il-Merkanzija, effettivament il-Customs Entries ma jistghux jigu prezentati lid-Dwana u pprocessati qabel ma' tasal il-merkanzija f'Malta stante li l-ipprocessar tad-dokumentazzjoni doganali bilfors tirrikjedi l-import manifest ta' l-agent li jigi pprezentat lid-Dwana mal-wasla tal-merkanzija f'Malta. Fil- fatt, a bazi tal-import manifest tkun tista tigi ikkrejata u ipprocessata d-dikjarazzjoni necessarja doganali li tiddentifika l-importazzjoni partikolari u ghalhekk dan ma jistax isir qabel ma tasal il-merkanzija f'Malta.

22. F'dan l-istadju tar-risposta tieghu l-appellat jissenjala li l-konnessjoni bejn Casal/Aragon, il-burdnar CAEJA minn naha u s-socjeta` appellant minn naha l-ohra, tohrog mix-xhieda ta' John Abela, id-direttur tal-istess kumpanija CAEJA [Abela] Bros. Ltd, u jirriferi ghal dik il-parti tad-depozizzjoni tal-imsemmi John Abela fejn dan jghid:

> "'Ma Carmelo Caruana [Limited] ghandna arrangamenti specjali fis-sens li huma juzaw il-password taghna illi ghandna mad-Dwana fis- sistema elettronika taghhom.[10] Dan huma juzawh peress illi ahna ghandna l-permess nuzaw din is- sistema u huma m'ghandhomx u jiena tajthom il-possibilita li jaghmlu uzu tas-sistema bil-password taghna. Nghid illi meta juzaw il-password jista jkun li juzaw il-VAT number taghna......
>
> 'Nghid illi l-VAT number trid timtela manwalment fis-sistema elettronika izda ezatt kif tahdem ma nafx.......Jien fil-kaz in ezami kull ma kont involut kien fil-garr peress illi huma uzaw il-Vat number tieghi u l-password tieghi[11] u jiena ma noqghodx nistaqsi x'hemm fil-containers, ghax jiena jaghtuni l-karti biex nohrog il-merkanzija peress illi jiena biss bhala burdnar bil-permess nista nohrog il-merkanzija……. Nghid illi Carmelo Caruana jiehdu hsieb li jdahhlu l-informazzjoni.[12]
>
> 'Nghid illi kemm l-ufficcji tieghi kif ukoll ta' l-impjegati tieghi qatt ma kienu involuti fil-mili ta' xi formoli jew in-putting rigwardanti l-merkanzija in kwistjoni. "

[10] Emfasi tal-esponent
[11] Emfasi tal-esponent
[12] Emfasi ta-esponent

23. Ir-rikorrent appellat ikompli billi jissenjala li, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Carmen Aquilina fl-4 ta' Novembru 2009, il-*user name* u l-*password* personali sabiex giet accessata s-sistema elettronika tad-Dwana biex saru d-dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni relattivi ghall-importazzjonijiet tat-tewm in kwistjoni, kienu dejjem impjegati tal-kumpannija appellanti.

24. L-appellat jissottometti wkoll illi, skont ix-xhieda ta' Victor Saliba[13] l-unika referenza ghal CAEJA (Abela) Bros Ltd fid-dikjarazzjoni doganali hija l-VAT number taghha.

25. Ikompli jwiegeb hekk ghall-aggravji tas-socjeta` appellanti:

> " ……… illi l-kumment tal-kumpannija appellanti li "l-alert tqieghed f'xi kexxun", huwa bir-rispett kollu barra minn loku stante li minkejja l-alert, li ghandu jinghad ma' kienx case specific ghal Alain Casal u Aragon Import/Export Company Limited, id-Dwana lokali kienet tehtieg li f'kull kaz taghmel il-verifiki taghha ma' l-awtoritijiet esteri kompetenti u cioe l-Oniflhor u l-OLAF fir-rigward tal-licenzja 'originali' ta' l-Agrim li giet ipprezentata minn Victor Saliba wara li waslu l-importazzjonijiet in kwistjoni. Illi fir-rigward ta' l-ewwel importazzjoni ta' tewm li saret fis-26 ta' Lulju 2005, is- Sezzjoni tad-Dwana lokali li tirrigwardja l-verifikazzjoni ta' tali certifikati baghtet ghall-verifika fl-26 ta' Dicembru 2005 u r-risposta waslet fl-10 ta' Jannar 2006 li c-certifikat ta' l-AGRIM ipprezentat minn Victor Saliba kien effettivament mhux awtentiku. Ghalhekk certament mhux il-kaz, kif qed tpingi s-sitwazzjoni l-kumpannija appellanti, li d-Dwana lokali damet diversi snin sabiex taghmel il-verifiki necessarji wara li irceviet l-alert fis-27 ta' Ottubru 2004 peress li l-OLAF indikat il-possibilita (u mhux ic-certezza) li setgha jkun hemm importazzjonijiet ta' tewm a bazi ta' licenzji ta' l-AGRIM foloz.

26. Sussegwentement l-appellat jghaddi biex jissenjala l-fatt li fuqhom huwa jibbaza s-sottomissjoni tieghu li s-socjeta` appellanti hija

[13] Dep.25 Frar 2010

responsabbli meta ghenet fl-importazzjoni tat-tewm fuq licenzja li, skont l-appellat, irrizultat falza. Huwa jghid:

> "Illi ……………………kif diga gie spjegat aktar 'l fuq, u kif jirrizulta ampjament mill-atti processwali kienu rapprezentanti tal-kumpannija appellanti li ipprezentaw id-dokumentazzjoni kollha inkluz il-licenzja ta' l-AGRIM u mhux il-burdnar[14]. Fil-fatt, jirrizulta car mill-provi li l-erba' impjegati tal-kumpannija appellanti Victor Saliba, Jonathan Micallef, Alfons Caruana u Gilbert Demicoli ottjenew mid-Dwana l-usernames u l-passwords personali rispettivi taghhom u ghalhekk mhux minnu li "l-Burdnar CAEJA (Abela) Bros. Ltd kien uza l- computer tas-socjeta Carmelo Caruana Ltd biex mela l-Customs Entry Forms".
> A kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mill-kumpannija appellanti, mix-xhieda ta' John Abela jirrizulta car li effettivament kienu l-impjegati tal-kumpannija appellanti li f'kull kaz kienu jdahhlu d-dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni relattivi, kif ukoll jikkomunikaw mad-Dwana sabiex tali dokumenti jigu processati mid-Dwana u sussegwentement tigi rilaxxata l-merkanzija. Ghalhekk, ladarba l-kumpannija appellanti tramite l-impjegati taghha, kienu qed jikkomettu ruhhom billi idahhlu d-dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni, specifikatament ghall-importazzjonijiet ta' Alain Casal u Aragon Import/Export Company Limited li huma mertu ta' l-azzjoni odjerna, isegwi li l-kumpannija appellanti hija ukoll responsabbli ghall-obbligazzjonijiet doganali li dawn igorru maghhom. Illi fil-fatt minn tali dikjarazzjonijiet li jirrizultaw mill-atti processwali ma tirrizulta l-ebda rizerva li l-impjegati tal-kumpannija appellanti ma kienux qed jassumu r-responsabbilita ta' dazju dovut fuq l-istess importazzjonijiet, kif kellhom kull dritt li jaghmlu.
>
> "Inoltre, …………………………… li huwa kellu kull dritt jaghmel post clearance audits ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap 337. Fil-fatt, il-merkanzija tigi rilaxxata fl-iqsar zmien possibbli sabiex jigi facilitat u spedit il-kummerc specjalment peress li l-importazzjonijiet in kwistjoni jikkoncernaw tewm li ghandu *shelf life* qasira, pero dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet doganali ghal-verifiki necessarji u d-dritt ghall-hlas, jekk ikun il-kaz. Ghandu jigi rilevat ukoll f'dan ir-rigward li d-Dwana tivverifika biss id-dokumentazzjoni ta' importazzjonijiet li jkunu *prima facie* suspettuzi jew li jkun hemm restrizzjonijiet u kontrolli specifici skond il-prodott importat, kif spjegat iktar 'l fuq. B'rizultat ta' dan, fil-prattika l-indagini idumu diversi xhur minhabba li dan jinvolvi ricerka u verifiki ma' pajjizi terzi li hafna drabi m'ghandhomx l-istess kriterji ta' procedura doganali u l-istess interess fiskali taghna. Ukoll mhux il-kaz li kif gie spjegat aktar 'l fuq li d-dokumenti gew sottomesi mill-Burdnar, apparti l-fatt li mill-atti processwali jirrizulta car li kien gie ikkonfermat mill-awtorita

[14] Vide xhieda ta' John Abela fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2010 fis-sitt paragrafu et seq ta' pagna 10 ta' l-istess seduta u ta' Victor Saliba fis-seduta tal-25 ta' Frar 2012 fl-ewwel paragrafu et seq tax-xhieda tieghu f'pagna 6 tal-istess seduta.

kompetenti sabiex tohrog dawn il-licenzi agrikoli kull darba li jigi importat it-tewm minn certu pajjizi sabiex jibbenefikaw minn xi esenzjoni ta' parti mid-dazju ta' l-importazzjoni u cioe l-Oniflhor u addirittura mill-OLAF, li l-licenzi ta' l-Agrim li jirrigwardjaw dan il-kaz kienu foloz u ghalhekk id-dazju ta' importazzjoni gie dovut fl-intier tieghu (fol. 97-111). Illi fil-fatt ix-xhud Carmen Aquilina xehdet (fol. 100) li: *"Meta baghtniha ghall-verifika, dan kien Dicembru ta' l-2005, gietna risposta fil-bidu ta' January 2006 li dak ic-certifikat huwa falz."*

27. L-appellat ikompli jissottometti hekk:

"………… kif spjegat aktar il-fuq, il-kumpannija appellanti accettat il-beneficcji kollha abbinati ma' l-uzu tan-numru tal-VAT tal-burdnar sabiex l-istess kumpannija appellanti tkun tista tiggestixxi n-negozju taghha koncernat ma' l-iprocessar tad-dokumenti doganali tal-klijenti taghha.

Illi ………………………… minkejja li rapprezentanti tal-kumpannija appellanti iffirmaw u ipprocessaw d-dokumentazzjoni necessarja doganali, fdan l-istadju l-istess kumpannija qed tippretendi li gialadarba n-numru tal-VAT li kienet tuza l-istess kumpannija kien tal-burdnar CAEJA [Abela] Bros Ltd, tista b'hekk facilment tiddisassocja ruhha u tiskolpa ruhha minn kwalunkwe responsabbilita marbuta ma' l-imsemmi uzu tan-numru tal-VAT u l- imsemmija importazzjonijiet. Fil-fatt, hemm differenza netta bejn id-dikjarant u l-konsennatarju. Fil-kaz odjern, jirrizulta car li d-dikjaranti fir- rigward ta' l-importazzjonijet koncernati kienu r-rapprezentanti tal-kumpannija appellanti li kienu juzaw in-numru tal-VAT ta' CAEJA Abela Bros Ltd, filwaqt li l-konsennatarju kien Alain Casal u/jew Aragon Import/Export Co Ltd u in sostenn ta' dan, l-esponent jirreferi ghax-xhieda ampja ta' Victor Saliba u John Abela, lkoll ikkwotati estensivament aktar 'l fuq fdin ir- Risposta. Ghalhekk, il-kumpannija appellanti certament ma tistax tippretendi li fdan l-istadju iddahhal fid-dubju l-validita tal-Customs Entry Forms meta l-istess kumpannija kienet partecipi fl-arrangament mutwali bejnha u l-burdnar CAEJA Abela Bros Ltd.

Illi a kuntrarju ta' dak li qed tallega il-kumpannija appellanti fir-Rikors in risposta, mhux minnu assolutament li jirrizulta mill-provi li kienu CAEJA Abela Bros Ltd li uzaw "...l-computer tas-socjeta Carmelo Caruana Ltd biex mela l-Customs Entry Forms". Fil-fatt jirrizulta l-kuntrarju kemm mix-xhieda ta' Victor Saliba (rapprezentant tal-kumpannija appellanti)[15] kif

---

[15]Xhieda tal-25 ta' Frar 2010 a pagna 6 ta' l-istess seduta

ukoll mix-xhieda ta' John Abela (Direttur ta' CAEJA Abela Bros Ltd).[16] Inoltre, ghandu jigi ccarat li Carmen Aquilina xehdet car li fuq id-dikjarazzjonijiet koncernati kien hemm in-numru tal-VAT ta' CAEJA Abela Bros Ltd, filwaqt li l-username u l-passwords personali uzati sabiex isiru l-istess dikjarazzjonijiet kienu kollha tar-rapprezentanti tal-kumpannija appellanti stess. Ghalhekk jirrizulta car li d-dikjarant fir-rigward ta' l-importazzjonijiet koncernati kienet l-istess kumpannija appellanti. Ghalhekk isegwi li l-kumpannija appellanti assumiet ir-responsabbilita kollha fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet maghmula a bazi ta' l-importazzjonijiet koncernati. Effettivament, jirrizulta car mill-atti li kif xehed il-burdnar John Abela hu kellu x'jaqsam unikament mal-garr tal-merkanzija u kienu r-rapprezentanti tal-kumpannija appellanti li kienu jissottomettu d-dokumentazzjoni relattiva lid-Dwana sabiex jigu processati l-istess dokumentazzjoni, u sussegwentement li jigu processati da parte tad- Dwana l-kumpannija appellanti kienet taghddihom lill-burdnar sabiex johrog il-merkanzija relattiva.[17]

28. L-appellat ikompli billi jissenjala li l-partecipazzjoni tal-imsemmi Victor Saliba fl-importazzjoni tal-prodott in kwistjoni, kif ukoll ta' impjegati ohra tas-socjeta` appellant hija tali li tirrendihom responsabbli ghall-attivita` li wasslet sabiex il-Kontrollur japplika l-ezenzjoni bir-rizultat li l-ammont tad-dazju talvolta dovut kien gie ridott skont il-ligi. Isostni wkoll li huwa irrelevanti li s-socjeta` ibbenefikatx minn din il-misura fiskali jew le, ghax ladarba bil-partecipazzjoni attiva tal-impjegati tas-socjeta` appellanti, konsistenti fid-dahla tal-informazzjoni rikjesta, skont hu "id-dikjaranti kienu r-rapprezentanti tal-kumpanija appellanti sew kif indikat bhala l-usernames u l-uzu tal-passwords personali u [ukoll] addirittura bhala l-firmatarji tad-dokumenti manwali tal-esportazzjoni" filwaqt li n-numru tal-VAT li biss kien jigi inserit fis-sistema elettronika tad-Dwana

---

[16] Xhieda tat-3 ta' Novembru 2010 a pagna 9 ta' l-istess seduta.
[17] Xhieda ta' John Abela fit-3 ta' Novembru 2010 a pagna 10 ta' l-istess seduta u ta' Victor Saliba fil-25 ta' Frar 2010 a pagna 6 et seq tal-istess seduta

kien tal-burdnar CAEJA. L-appellat jesprimi l-fehma tieghu li dan l-agir tas-socjeta` appellanti "kien jaqa' b'mod inekwivoku taht id-definizzjoni ta' rapprezentanza diretta, *multo magis* meta ma saret ebda rizerva da parti tas-socjeta` appellanti fis-sens li, il-fatt li kienet hi li dahhlet l-informazzjoni elettronika fis-sistema eletronika tad-dwana bil-numru tal-VAT li kien jghajjat lill-burdnar, ma kienx jirrendiha b'xi mod responsabbli ghad-dikjarazzjonijiet li saru.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

29. Fl-ewwel lok u b'mod generali jigi osservat li, is-socjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin ta' fatt u ta' dritt.

30. Fil-qosor, il-Qorti tosserva li is-socjeta` appellanti tissottometti li t-talba tal-appellat ghall-hlas tal-ammont tad-dazju li kien gie ridott ma setghet qatt tkun legalment sostenibbli fil-konfront taghha, stante li hi, la kienet l-importatrici tat-tewm in kwistjoni u lanqas il-konsenjatarju, imma kienet biss *shipping agent* li kienet qed tagixxi biss ghan-nom u in rapprezentanza tal-importaturi Alain Casal u s-socjeta` Aragon. Barra minn hekk, wara li l-istess socjeta` appellanti ivverifikat l-ammont tad-dazju dovut minn dawn l-importaturi fuq il-merkanzija de quo, hija ghaddiet din l-informazzjoni lill-istess importaturi li minn naha taghhom baghtu lis-socjeta` appellanti ammont li jirrapprezenta kemm dak dovut lilha bhala *shipping agent*, kif ukoll id-dazju mitlub mid-dwana liema

ammont is-socjeta` appellanti kienet ghaddiet lill-Kontrollur appellat.

31. L-appellanti tghid ukoll li, ghalkemm il-fondament tat-talba tal-appellat kien il-fatt allegat minnu li l-licenzja AGRIM li biha kienu qed joperaw l-importaturi kienet falsa, ma ngabet ebda prova fir-rigward, ghajr ghad-depozizzjoni ta' Carmen Aquilina, Principal Officer mad-dipartiment tad-Dwana, li xhedet li, wara li l-merkanzija kienet giet zdoganata, b'rizultat tal-verifiki ulterjuri li d-Dipartiment kien ghamel f'Dicembru 2005 tad-dokumenti prezentati lilu minn rapprezentanti tas-socjeta` appellanti, f'Jannar 2006 l-appellat kien gie informat mill-agenzija estera li "suppost tohrog dan ic-certifikat" [18] li c-certifikat prezentat lid-Dipartiment u li fuqu l-importaturi ibbenefikaw minn riduzzjoni fid-dazju dovut, kien falz.

32. In tema legali din il-Qorti tirribadixxi li:

> "Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha." [App.S Isabelle u Norman konjugi Borg et vs Robert Galea et, deciza fit-3 ta' Marzu 2011]"
>
> "[Madankollu] Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-akstar ricenti u kostanti fil-materja". [App.S Attard et v.

[18] Fol.100

Direttur tas Sahha, deciza 31 ta' Mejju 2014.]" [19]

33. F'dan l-istadju din il-Qorti tikkonsidera opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm is-substratt fattwali li fuqu l-appellat qed jesigi l-flus minghand is-socjeta` appellanti huwa l-allegata falsita` tad-dokument prezentat lid-dwana li permezz tieghu l-importaturi ottjenew riduzzjoni mid-dazju dovut, il-provi li tressqu f'dawn il-proceduri huma diretti dwar il-kwistjoni jekk bil-partecipazzjoni taghha fl-importazzjoni tal-merkanzija de quo, is-socjeta` appellanti irrendietx ruhha responsabbli ghall-hlas tad-dazju imnaqqas,[20] u l-unika prova dwar l-allegazzjoni tal-falsita` tad-dokument de quo tikkonisti biss f'xiehda verbali moghtija mill-imsemmi Carmen Aquilina dwar x'informazzjoni kienet inghatat mill-agenzjia estera – prova li, minkejja li ma jirrizultax li x-xhud ma kinitx veritiera fid-depozizzjoni taghha, xorta wahda ghandha valur probatorju negligibbli peress li tikkostitwixxi *detto del detto* b' mod li l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonstata l-veracita` ta' dik l-informazzjoni. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anke fuq din il-konsiderazzjoni biss, il-kaz tal-appellat huwa dghajjef ghall-ahhar.

34. Izda, minkejja dan, ladarba l-partijiet iffokaw dwar il-kwistjoni tar-responsabblilita` o meno tas-socjeta` appellanti ghall-hlas tad-dazju

---

[19]Ara wkoll, fost l-ohrajn Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et, Qorti tal-Appell deciza 10 ta' Jannar 1995; Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, Qorti tal-Appell deciza fis-27 ta' Novembru 2009.

[20]Sahansitra fil-verbal maghmul mill-istess socjeta` appellant fis-seduta peritali tas-17 ta' Lulju 2009, dik is-socjeta` ivverbalizzat "illi l-kwistjoni tirrigwarda biss dwar il-fatt li huma ma ghandhom x'jaqsmu xejn fil-kaz u huma konsulenti biss." – fol.149

ridott, din il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward.

35. Jirrizulta inkontestat illi l-importaturi tal-merci in kwistjoni kienu Alain Casal u l-kumpanija tieghu Aragon Import & Export Limited. Jirrizulta wkoll pacifiku illi l-burdnar fil-konsenji in kwistjoni kienet is-socjeta` CAEJA (Abela) Bros Ltd.

36. Mill-provi jirrizulta pacifiku illi s-socjeta` CAEJA (Abela) Bros hija debitamet registrata mad-Dwana sabiex tizvolgi l-funzjonijiet ta' burdnar. Dan jintitolaha ghal access ghas-sistema kompjuterizzata li permezz taghha jistghu jsiru d-dikjarazzjonijiet doganali. Jirrizulta wkoll, bhal fil-kaz prezenti, li l-burdnara jistghu japplikaw sabiex jaghtu access ghas-sistema lil terzi, normalment *shipping agents*, li jigu registrati mad-Dipartiment b'formola appozita, u li jinghataw *usernames* differenti sabiex ikunu jistghu jaccedu ghas-sistema [*portal*] tal-burdnar in kwistjoni u jippreparaw huma d-dikjarazzjonijiet doganali. Dan necessarjament jirrikjedi element ta' fiducja bejn il-burdnar u s-*shipping agent*, li allura jkun qed jigi fdat b'dan ix-xoghol.[21]

37. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax mill-provi dak sottomess mis-socjeta` appellanti illi kienu l-impjegati ta' CAEJA (Abela) Bros Ltd li uzaw il-kompjuter tal-istess appellanti sabiex imlew l-*Customs Entry Forms*.

[21]Dan kollu huwa spjegat minn Victor Saliba fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Jannar 2009 (Fol 37-28) u minn Marion Scerri fix-xhieda taghha tat-12 ta' Marzu 2010 (Fol 164).

Għall-kuntrarju, Victor Saliba[22] stess, impjegat tas-socjeta` appellanti, waqt ix-xiehda tieghu tal-25 ta' Frar 2010[23] jispjega illi huwa jaccedi ghas-sistema mill-kompjuter tieghu, permezz ta' *username* illi ghandu. Dan il-*username* huwa abbinat ma' CAEJA (Abela) Bros Ltd, in kwantu huma l-burdnara li huma awtorizzati illi jaghmlu dikjarazzjonijiet. Ghalhekk kwalsiasi dikjarazzjoni maghmula bil-*username* ta' xi impjegat tas-socjeta` appellanti, ghandha lill-burdnar CAEJA (Abela) Bros Ltd indikat bhala d-dikjarant.

38. Mid-dokument intestat *"Application for Remote Access Facility as Declarant"* [l-Application] prezentata mid-difensur tal-appellat li fil-verbal taghha tissenjala li f'dak *"id-dokument hemm indikat erbgha ismijiet ta' impjegati ta' Carmelo Caruana limited abbinati mal-Vat number tal-burdnar Abela Bros."*[24]. Din l-applikazzjoni saret sabiex impjegati tas-socjeta` appellanti, indikati fl-istess applikazzjoni, setghu jaghmlu uzu mis-sistema elettronika tad-dwana. Ma huwiex car mill-atti, jekk id-dokument esebit huwiex komplut, anki ghaliex ix-xhud Marion Scerri, Assistant Director of Finance fid-divizjoni tad-Dwana, tixhed illi *"hemm application illi tigi ffirmata imma miniex certa jekk tigiex iffirmata mill-burdnar jew mill-user stess."*[25] Id-dokument esebit in atti a fol. 167 ma fih ebda firma, izda minn ezami tieghu, il-Qorti taghmel is-segwenti

[22] Kap tas-sezzjoni tal-customs clearance
[23] Fol 163
[24] Fol.166 – Dok.AAF – fol.167
[25] Seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-12 ta' Marzu 2010 (fol 164)

kostatazzjonijiet.

39. Fl-ewwel lok jirrizulta car li dan id-dokument jigi redatt minn *"Declarant".* Fil-fatt fl-istess dokument jirrizulta li taht is-sezzjoni intestata *"Declarant Details",* hija imnizzla bhala l-burdnar CAEJA (Abela) Bros Ltd u n-numru tal-VAT ta' din l-istess socjeta`. Fl-istess sezzjoni Victor Saliba huwa indikat bhala *"Contact Person"* bl-indikazzjoni tal-email address tieghu. Ukoll fis-sezzjoni intestata *"Representation"* hemm immarkata l-kaxxa indikata *"Direct Representation".* Fl-ahhar sezzjoni, intestata *"User Details"* hemm l-ismijiet ta' erba' persuni, fosthom Victor Saliba, li ghamlu uzu minn dik is-sistema. Maghdud ma' dan hemm il-fatt, li kif konfermat mix-xiehda Victor Saliba[26] u minn Carmen Aquilina,[27] is-sistema ma thalliex li jitnizzel ebda VAT number li ma huwiex tal-burdnar.

40. L-istess Carmen Aquilina taghti konfort lil dak li tghid is-socjeta` appellanti meta fid-depozizzjoni taghha tghid:

> "….. illi f'dikjarazzjonijiet kollha, is-socjeta` CAEJA [Abela] Bros.Ltd kienet tidher fid-dikjarazzjonijiet kollha, bhala declarant, filwaqt li kien hemm consignees dak li gja semmejt Aragon import/export, u dak li … ta' Alain Casal. Nghid illi imkien ma jidher li hemm Vat Number ta' Baltimore Consulting Limited jew ta' Carmelo Caruana Limited."

41. Din il-Qorti tosserva li, fil-kaz prezenti, minkejja li l-informazzjoni

[26]Vide xhieda tieghu a fol 163
[27]Vide xhieda taghha a fol 151-153

ddahlet fil-protal tal-burdnar fis-sistema tad-dwana, jirrizulta manifest li din kienet ddahhlet mill-impjegati tas-socjeta` appellanti u ghalhekk hija l-istess socjeta` appellanti li ghandha twiegeb ghal dik l-informazzjoni.

42. Huwa relevanti wkoll li d-dokument CA2[28] datat 12 ta' Awwissu 2005 li huwa kopja ta' formola li turi min kien l-esportatur u l-konsenjatarju ghal merkanzija partikolari, ghalkemm *in calce* hemm indikat l-isem u l-firma ta' Victor Calleja fuq it-timbru tas-socjeta` appellanti, is-socjeta` Aragon hija indikata aktar 'il fuq kemm bhala "Consignee" kif ukoll bhala "Declarant".

43. L-Appellat jorbot it-tezi tieghu li s-socjeta` appellanti hi responsabbli ghad-dazju mhux imhallas rizultat ta' licenzja allegatament falza mas-segwenti fatturi [1] li tezisti konnessjoni ta' xoghol bejn l-importaturi u s-socjeta` appellanti; [2] li kienet is-socjeta` appellanti li talbet lid-dwana ghall-informazzjoni dwar il-procedura segwita fil-kaz ta' importazzjoni ta' tewm; [3] li qabel ma l-kontrollur iccertifika r-riduzzjoni fid-dazju, huwa kien inghata kopji fotostatici tad-dokumenti u ghalhekk ma setax f'dak iz-zmien jinduna li l-licenzja kienet falza, u kien biss wara li rceva l-original tal-licenzja AGRIM mal-wasla tal-merkanzija li huwa seta' jghaddi l-istess lill-awtorita` kompetenti estera sabiex din taghmel il-verifiki taghha. Skont l-appellat ladarba s-socjeta` appellanti ghenet fl-

[28]Fol. 158

importazzjoni tat-tewm allura ghandha ggorr ir-responsabbilita` tal-ezenzjoni moghtija indebitament.

44. Din il-Qorti, fuq il-provi akkwiziti, ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellat u dan ghas-segwenti ragunijiet:

[1] Illi jirrizulta inkontestat li l-licenzja li pprezenta Alan Caisal harget minn Franza u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, ma jistax jnghad jew jigi prezunt li s-socjeta` appellanti kienet partecipi jew konxja fl-allegata falsita` tad-dokument;

[2] Illi b' rabta mal-premess hemm il-konsiderazzjoni ulterjuri li, qabel il-wasla tal-merkanzija f' Malta u allura qabel ma s-socjeta` appellanti kellha f'idejha l-licenzja originali li ghaddiet lill-appellat, lanqas hi ma setghet tkun taf li dak id-dokument huwa falz jew jista' jkun falz; din il-konsiderazzjoni hi bazata fuq il-principju legali fid-dritt kummercjali li l-attivita' kummercjali timxi fuq l-*uberimma fidei* bejn in-negozjanti u, ghalhekk, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet li juru l-kuntrarju, is-socjeta` appellanti ma kellhiex raguni li tissuspetta mill-genwinita` tad-dokument de quo;

[3] Illi b'zieda mal-premess, hija valida s-sottomissjoni li l-awtenticita` tal-licenzja de quo ma setghetx tigi ivverifikata mis-socjeta` appellanti, tant hu hekk li kienet l-awtorita` kompetenti

estera li, wara li d-dokument intbaghat lilha, skopriet li, skont hi, id-dokument kien falz.

[4] Illi ma gie bl-ebda mod ippruvat illi *'l-informazzjoni erronea mghoddija lid-Dipartiment tad-Dwana kien jintitola lill-appellanti ghall-beneficcji fiskali'* jew li *'il-beneficjarja ta' dan ir-raggir [kienet] is-socjeta` Carmelo Caruana Company Limited'.*[29] Ghall-kuntrarju, kif gja inghad, jirrizulta nkontestat illi l-importaturi kienu dejjem Alain Casal u Aragon Import & Export Company Limited, b'dan illi kienu biss dawn tal-ahhar li bbenefikaw mir-riduzzjoni fid-dazju.

45. Barra minn hekk, ghalkemm kien Victor Saliba, impjegat mas-socjeta` appellanti, li ikkonsenja lid-Dipartiment id-dokumenti mehtiega ghall-importazzjoni tal-merkanzija, inkluz dak li kien jintitola lill-importaturi ghar-riduzzjoni fid-dazju, dan ma jimmilitax necessarjament kontra tieghu fis-sens li allura huwa ghandu bilfors jitqies li kien jaf li wiehed mid-dokumenti kien allegatament falz. Fid-depozizzjoni tieghu tal-21 ta' Jannar 2011 Victor Saliba jispjega li: *"… jekk id-dokumentazzjoni kinitx awtentika jew le, u dana l-investigazzjoni ghamluhom biss tad-dwana u ahna ma nkunux f'pozizzjoni li naghmlu tali awtentikazzjoni. Eventwalment jaghtuna r-risposta tad-dwana stess,*

29 Pagna 5 tas-sentenza appellata.

*jekk humiex fraud jew authentic".*[30]

46. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li, in mankanza ta' provi cari li juru l-kuntrarju, m'huwiex lecitu li jigi prezunt li s-socjeta` appellanti jew l-impjegati taghha kienu konoxxenti b'din il-falsita`, dejjem jekk verament tirrizulta; ghax il-frodi ma tistax tigi prezunta izda trid tigi pruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u, kif assodat fil-gurisprudenza patria l-konvinzjoni morali ta' gudikant ma tistax tissussisti *in vacuo* imma jrid ikollha bazi konkreta fil-provi processwali, evalwati fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.[31]

47. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mal-osservazzjonijiet u mal-konkluzjoni raggjunti mill-ewwel Qorti, u hija tal-fehma li t-talba tas-socjeta` appellanti kontenuta fir-rikors promotur ghandha tintlaqa' kif ghandu jintlaqa' wkoll l-appell odjern. Ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta` appellanti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-

---

[30] Fo.170
[31] App Inf. Zarb Paul Et v. Ellul Emanuel Et deciza 3 ta' Ottubru 2008.

talba kontenuta fir-rikors promotur billi tiddikjara l-pretensjonijiet tal-appellat Kontrollur tad-Dwana migjuba fl-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2008, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df